Arcobaleno
Triq Ferdinandu Inglott,
Attard

3 ta' Novembru, 2015

Lill-President tal-Kamra
Dr Anglu Farrugia
Kamra tar-Rappreżentanti,
il-Belt, Valletta

Għażiż President,

Permezz ta' din l-ittra qiegħed nagħtik ir-riżenja tiegħi minn deputat tal-Parlament.

Għoddni tiegħek,

Joseph Cassar

Arcobaleno
Triq Ferdinandu Inglott,
Attard

3 ta' Novembru, 2015

Lill-Kap, Partit Nazzjonalista
Dr Simon Busuttil
Partit Nazzjonalista
Pieta,

Għażiż Kap,

Nixtieq ninfurmak li llum tajt ir-riżenja tiegħi minn deputat tal-Parlament. Għamilt dan għal dawn ir-raġunijiet:

1. L-attakk feroċi fuq il-karattru tiegħi fl-aħħar jiem ħoloq pressjoni fuq il-familja tiegħi li jiena mhux lest naċċetta. Jekk il-politika waqgħet għal dawn il-livelli, jiena mhux lest inkun aktar parti minnha. Jien dħalt fil-politika biex ngħin lil ħaddieħor, imma ma dħaltx biex inħalli jsir assassinju tal-karattru tiegħi.

2. Jien nerġa niċħad kategorikament li għamilt xi ħaġa ħażina jew illegali, iżda qed nieħu dan il-pass għax ma rridx li nintuża aktar bħala skuża biex issir ħsara lill-Partit Nazzjonalista u lilek. Nirrispetta wisq lilek u lill-partit biex inħalli dan isir.

3. Filwaqt li se nħalli l-ħajja politika, jiena xorta se niddefendi ismi minn kull akkuża li saritli, bil-mezzi legali kollha disponibbli għalija.

Nixtieq nieħu din l-opportunita' biex nirringrazzja lil dawk kollha li kienu viċini tiegħi matul il-ħajja politika tiegħi, imma speċjalment fl-aħħar jiem. Nirringrazzja b'mod partikolari lilek li dejjem bqajt temmen fl-integrita' tiegħi.

Nitlob li minn issa 'l quddiem, bħala persuna li ħallejt il-ħajja pubblika, tiġi rispettata l-privatezza tiegħi u tal-familja tiegħi.

Għoddni tiegħek,

Joseph Cassar

3 ta' Novembru 2015

Dr Joseph Cassar
Arcobaleno
Triq Ferdinando Inglott
Attard

Għażiż Joe,

Huwa b'dispjaċir kbir li rċevejt l-ittra tiegħek li biha nfurmajtni li rriżenjajt minn deputat tal-Parlament. Minkejja dan, nifhem id-deċiżjoni tiegħek u żgur li tiġbed rispett u ammirazzjoni.

Naf li dan huwa mument diffiċli għalik u għall-familja tiegħek.

F'isem il-Partit, nirringrazzjak għall-ħidma tiegħek fil-ħajja pubblika matul is-snin.

Inselli għalik,

Simon Busuttil

**Partit Nazzjonalista**
Triq Herbert Ganado, Tal-Pietà PTA 1450 • Tel: +356 25965262 • Email: pn@pn.org.mt
Member of the European People's Party • Member of the Centrist Democrat International • Permanent Observer of the European Democrat Union